# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru   11**

**Avviz  numru   2317/98/SM**

**Network Publications Limited**

**vs**

**Tubeline Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-27 ta' Novembru ta' l-1998 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta qudddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas l-ammont ta' seba' mija disa u tmenin liri Maltin (LM789) dovuti n-konnessjoni ma "Advertising Booking Order" ghal magazine Highflyer datat 27 ta' Settembru, 1996;**

2. **Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 7 t'April, 1998 kontra taghhom li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi hija qatt ma kkontrattat mas-socjeta' attrici u ghalhekk ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta kienet ikkontrattat ma' socjeta' JP Advertising Limited ghal servizzi ta' reklamar li fi kwalunkwe kaz hija kienet tat ordni bil-miktub sabiex dawn jitwaqfu permezz ta' ittra datata 10 t'April, 1997;**

3. **Illi sussidjarjament l-ordni imsemmija mis-socjeta' attrici qatt ma saret mis-socjeta' konvenuta stante li qatt ma talbet jew ordnat servizzi ta' reklamar minghand is-socjeta' attrici;**

4. **Ghalhekk ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-proceduri de quo;**

5. **Salvi eccezzjonjiiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illil-fatti rilevanti tal-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi fl-1997 is-socjeta' konvenuta ordnat xi reklamar mis-socjeta' JP Advertising;**

**2. Illi fl-ahhar t'Awissu ta' l-1997 is-socjeta' Network Publications xtrat is-socjeta' JP Advertising;**

**3. Illi s-socjeta' konvenuta tafferma li m'ghandha l-ebda relazzjoni mas-socjeta' attrici u ma kienet informata bl-ebda tibdiliet li taghhom setghet tiehu l-passi kollha necessarji biex tipprotegi d-drittijiet taghha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi hu ovvju li bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta ma jezisti l-ebda ness kummercjali jew legali;**

**Illi anke jekk ghal grazzja ta' l-argument kien hemm xi straxxiku minn xi socjeta' precedenti, s-socjeta' konvenuta kellha tigi preventivament infurmata b'dan u ma setghu jittiehdu l-ebda mizuri minghajr il-kunsens espress jew tacitu preventiv taghha;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**